MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2007

Numru 301/2006

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

Michael Delia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Michael Delia detentur ta' karta ta' identita' numru 55769M, akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, u cioe' fil-perjodu ta' bejn Frar 2006 u Marzu 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jiguipprezentati wiehed seta' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' l-oggetti, jew jigbor depozitu, jew

rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 167(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, imsemmija fl-imputazzjoni (2). (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)
3. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha ta' haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm500 bi hsara ta' l-iskola Lorenzo Gafa' Fortini u xi persuni ohra. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal jew bihh jew mexxiehom. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)
5. b'hekk sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fit-13 ta' Jannar 1993.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw l-falsifikazzjoni ta' dokument u l-uzu xjenti tieghu bi ksur ta' l-Artikolu 167/1 u 169 tal-Kap 9.

Illi hu pacifiku fis-sistema legali ta' dawn il-gzejjer rinforzata minn dottrina kontinentali attinenti ghas-sistema taghna "in criminalibus" li l-falz materjali fil-falsifikazzjoni

tista’ssir jew billi jigi falsifikat dokument kollu jew in parti, jew billi jigi alterat dokument genwin.

Fil-kaz in disamina jinsab ippruvat inekwivokabbilment illi l-imputat iffabbrika u uza dokument li ma kienx genwin sabiex jircievi flus estensibbilment ghal maratona annwali organizzata mill-iskola fejn kien jghallem u liema flus uzahom ghall-finijiet tieghu. Il-falz materjali jissussisti meta d-dokument ma jkunx genwin kif inhu l-kaz hawnhekk.

Mill-provi m’ghandux ikun hemm ebda dubbju li hemm ir-reita’ fl-imputat.

Issa, veru li l-ammont ma kienx wiehed sostanzjali izda l-gravita’ tar-reat jibqa’ inalterat; li ma kienx ghal xi cirkostanzi li jemergu mix-xhieda tal-imputat ir-reat kommess kien forsi wkoll jisthoqqlu piena karcerarja.

Din il-Qorti pero’ hi tal-fehma li ghal din id-darba titratta mal-imputat bi klemenza anka ghaliex l-ammont jidher li gie restitwit u l-imputat wara li hu genwinament iddispjacut. Wara li rat l-Artikolu 167/1 u 169 tal-Kap 9 u tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi migjuba qeghdha ghaldaqstant tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ tlett xhur mill-lum sakemm ma jikkommettiex reat iehor f’dan iz-zmien.

Taspika wkoll li l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu minhabba r-reati li taghhom qieghed jinstab hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------